# Aspetti Grammatikali u Stilistiċi fit-Traduzzjoni Letterarja mill-Ġermaniż għall-Malti

Claudine Borg u Chiara Zammit

## Introduzzjoni

Dan l-istudju jeżamina erba' aspetti grammatikali u stilistiċi li t-traduttur ta' spiss jiltaqa' magħhom meta jkun qed jittraduċi mill-Ġermaniż għall-Malti. Dawn huma: il-pronom personali "Sie", il-partiċelli modali, il-kliem imsejjaħ "komposita" u t-teknika tar-repetizzjoni. L-analiżi hija bbażata fuq eżempji meħuda mit-traduzzjoni bil-Malti tal-istorja qasira "Mein teures Bein" tal-awtur Heinrich Böll. Għalhekk dan l-istudju jiffoka fuq it-traduzzjoni letterarja mill-Ġermaniż għall-Malti. Iż-żewġ taqsimiet li jmiss jikkontestwalizzaw dan l-istudju billi jagħtu tagħrif dwar l-awtur u l-istorja "Mein teures Bein".

## Heinrich Böll

Heinrich Theodor Böll huwa wieħed mill-awturi ewlenin fil-letteratura Ġermaniża ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Twieled fil-21 ta' Diċembru 1917 fil-belt ta' Kolonja u miet fl-1985. Fir-rebbiegħa tal-1937, Böll beda l-apprendistat tiegħu bħala bejjiegħ tal-kotba mal-kumpanija Mathias Lempertz f'Bonn. Wara li temm l-apprendistat fl-1938, huwa għamel l-ewwel tentattivi tiegħu fl-arti

tal-kitba. Matul il-ħarifa tal-1938, Böll ġie ordnat iwettaq is-servizz tax-xogħol obbligatorju u wara serva sitt snin bħala korporal fl-armata Ġermaniża. Ħa sehem fit-Tieni Gwerra Dinjija; serva f'għadd ta' postijiet fosthom fi Franza, fl-unitajiet ta' sostituzzjoni fil-Ġermanja wara każ sever ta' tifu, fl-Unjoni Sovjetika, fir-Rumanija u fl-Ungerija. Fir-rebbiegħa tal-1945 huwa serva għal ftit ġimgħat fil-Punent tal-Ġermanja, fejn ittieħed bħala priġunier mill-Amerikani u nżamm priġunier sa Novembru tal-1945 (Frängsmyr u Allén 69-70). Peress li Böll għex il-gwerra minn lenti ta' suldat, dawn l-esperjenzi servew ta' bażi essenzjali fil-kitba tiegħu. Il-firda u t-tbatija li jġibu magħhom il-gwerer u fuq kollox is-sens ta' qtigħ il-qalb u d-disperazzjoni esperjenzati matul il-gwerra huma fost it-temi ewlenin li nsibu fl-istejjer qosra tiegħu, fosthom f'"Mein teures Bein" li minnha se jittieħdu l-eżempji analizzati f'dan l-istudju. Huwa beda l-karriera tiegħu tal-kitba fl-età ta' 30 sena u wħud mill-kitbiet bikrin tiegħu jinkludu l-istejjer qosra miġbura fil-kollezzjoni intitolata "Wanderer, kommst du nach Spa ..." Wara s-suċċess li kiseb permezz tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-istejjer, Böll ippubblika stejjer qosra u novelli oħra li t-tema ewlenija tagħhom hija l-gwerra u l-effetti li l-gwerra ħalliet fuq il-ġenerazzjoni li għexetha, b'mod partikolari s-suldati li kienu mġiegħla jirriskjaw ħajjithom fiha. Fost dawn l-istejjer qosra u novelli nsibu "Der Zug war pünktlich" u "Wo warst du Adam?" Böll jappartjeni għall-ġenerazzjoni ta' kittieba li kienu mnikkta mill-memorji tat-Tieni Gwerra Dinjija u n-Naziżmu. B'mod partikolari, dawn il-kittieba kellhom sens ta' ħtija minħabba dak li seħħ fl-Olokawst u bl-atroċijiet li twettqu f'dan il-perjodu. Heinrich Böll jesprimi dan is-sens ta' ħtija fil-kitbiet tiegħu, kif ukoll jikkritika b'mod estensiv l-effetti negattivi tal-Kapitaliżmu. Kien permezz ta' din il-kritika qawwija li huwa kiseb popolarità kbira fl-Ewropa tal-Lvant. Böll huwa meqjus bħala kittieb ewlieni tat-"Trümmerliteratur", moviment letterarju Ġermaniż li beda ftit wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija u dam bejn wieħed u ieħor sal-1950. Ħafna mill-kittieba ta' din l-epoka letterarja għexu l-gwerra u permezz tal-letteratura ppruvaw juru stampa ċara tal-ħajja ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Tabilħaqq, l-isem ta' dan il-moviment letterarju huwa metafora li tirrappreżenta r-realtà li fiha kienu jinsabu dawk in-nisa, irġiel u tfal li għexu l-gwerra u rritornaw lura minnha, u wara sabu ruħhom fi stat emozzjonali devastanti kif ukoll fi kriżi eżistenzjali.

## L-istorja qasira "Mein teures Bein"

"Mein teures Bein" (1948) tittratta l-ġrajja ta' suldat li tilef riġlu fil-gwerra u li kellu jmur l-uffiċċju tal-impjiegi b'ittra li rċieva dwar opportunità ta' xogħol. Madankollu, l-impjieg li offrewlu kien wieħed ta' livell baxx ħafna; blakkatur taż-żraben. L-uffiċjali li kienu xogħol fil-ħin li mar il-protagonist, ma kinux interessati f'dak li beda jgħidilhom. Ipprova jispjegalhom li riġlu kien prezzjuż ħafna minħabba li bis-saħħa tiegħu salvaw bosta uffiċjali militari oħrajn u kien proprju minħabba fihom li hu tilef riġlu. F'din l-istorja, Böll jikkritika aspett ieħor importanti fiż-żmien ta' wara l-gwerra: kif is-soċjetà tittratta lill-vittmi tal-gwerra. Din l-istorja hija miktuba bi stil satiriku, element ewlieni tat-"Trümmerliteratur". Barra minn hekk, il-ħsibijiet tal-protagonist mhumiex mogħtija b'mod dirett, iżda jistgħu jiġu interpretati mid-diskors dirett li jseħħ bejn il-protagonist u l-uffiċjal.

## Analiżi

Fil-grammatika Ġermaniża hemm bosta elementi li jvarjaw mill-grammatika Maltija u għalhekk dawn jistgħu jkunu ta' sfida matul il-proċess tat-traduzzjoni. Fost dawn l-aspetti ta' min jinnota l-pronom personali "Sie" fid-diskors formali, il-partiċelli modali u l-kliem li fil-Ġermaniż jissejħu "Komposita". Hawnhekk ser jiġu analizzati dawn it-tliet aspetti grammatikali kif ukoll l-aspett stilistiku tar-repetizzjoni.

## It-traduzzjoni tal-pronom personali "Sie"

Wieħed mill-aspetti grammatikali ta' rilevanza partikolari għal dan l-istudju huwa l-pronom personali "Sie", li jintuża fit-tielet persuna singular u fit-tielet persuna plural u jindika ton u taħdit formali, filwaqt li l-pronom personali "du" jintuża f'sitwazzjoni informali u juri li bejn il-kelliema hemm sens ta' familjarità u ħbiberija. Hervey et al. (128-129) isostnu li fil-lingwa Ġermaniża, l-użu inadegwat tal-forma "Sie" jista' jkollu impatt negattiv qawwi fuq it-tifsira. Dan jgħodd ukoll għat-traduzzjoni. Għaldaqstant, it-tradutturi jridu jkunu sensittivi meta jiġu biex

jittraduċu dan il-pronom personali, b'mod partikolari meta jittraduċu għall-Malti peress li din it-tip ta' distinzjoni ma teżistix fi lsienna. Mod kif wieħed joħroġ din id-distinzjoni fit-Test Mira (TM) hu billi jiżdied kliem ieħor li jindika ton formali bħal ngħidu aħna, 'Sinjur/Sinjura/Sinjuri', 'jekk jogħġbok', 'jimporta' u 'skużi'. Possibbiltà oħra fil-Malti hi l-użu tal-pronom 'wieħed' minflok 'inti', li jevita indirizz dirett u juri aktar formalità. Għall-kuntrarju ta' dan, fit-traduzzjoni tal-pronom personali "du", it-traduttur jista' jagħżel kliem bħal 'ħabib' jew 'sieħbi' biex joħroġ b'mod ċar id-differenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' pronomi personali. Għaldaqsant, meta t-traduttur jiġi biex jittraduċi dawn il-pronomi għall-Malti, huwa jrid jikkunsidra n-natura tar-relazzjonijiet bejn il-karattri kif ukoll l-istatus soċjali tagħhom.

Fl-istorja qasira "Mein teures Bein", li ġiet tradotta għall-Malti minn Chiara Zammit (2018) bit-titlu "Riġli l-għażiż", wieħed isib bosta eżempji pertinenti, fosthom:

Eżempju 1:

TS: Er sagte: „Ich denke, hier ist etwas für <u>Sie</u>".
TM: Qal, "Naħseb li għandi xi ħaġa tgħodd għalik, <u>Sinjur</u>".

F'dan l-eżempju, it-traduzzjoni tal-pronom "Sie" issarrfet fiż-żieda tal-kelma 'Sinjur', indirizz formali fit-TM li jikkorrispondi għall-formalità meta mqabbel mal-pronom personali "Sie" fil-lingwa sors.

Eżempju 2:

TS: „Passen <u>Sie</u> auf!" sagte ich.
TM: "Mela ismagħni sewwa!" weġibt lura.

Fit-TM ġie eliminat il-pronom personali "Sie". Dan sar minħabba li f'dan l-eżempju, it-tonalità tal-protagonist inbidlet f'waħda ta' rabja u għalhekk is-"Sie" mhijiex tenfasizza t-ton formali iżda pjuttost is-sempliċiment indirizz lejn persuna oħra. Għaldaqstant, f'dan il-każ, it-traduttriċi ma żiditx il-kelma 'Sinjur' sabiex l-enfasi ma tkunx fuq il-formalità iżda fuq it-ton ta' rabja f'leħen il-protagonist.

Eżempju 3:

TS: „Nein, hören <u>Sie</u> zu" sagte ich.
TM: "Le, jeħtieġ li tismagħni <u>jekk jogħġbok</u>".

F'dan l-eżempju, ta' min jinnota li t-traduttriċi għażlet li ma tittraduċix il-pronom personali "Sie" bl-użu ta' pronom personali ieħor fit-TM, iżda minflok żiedet il-frażi 'jekk jogħġbok' fi tmiem is-sentenza.

## It-traduzzjoni tal-partiċelli modali

Il-partiċelli modali prinċipalment jintużaw mill-kelliema Ġermaniżi biex jirriflettu t-tonalità u l-ħsieb tagħhom. L-impatt tagħhom fuq is-sentenzi huwa b'saħħtu ħafna għaliex waħda mill-karatteristiċi ewlenin tagħhom huwa li jbiddlu s-sens tas-sentenza, billi jenfasizzaw il-ħsieb ġenerali jew ibiddlu s-sinifikat tagħha. Huma jindikaw it-tonalità, l-atmosfera u l-klima tal-interazzjoni komunikattiva (Hervey et al. 172). Fost l-aktar partiċelli modali komuni kemm fit-taħdit kif ukoll fil-kitba nsibu "ja", "doch", "nun" u "mal". It-tifsira ta' dawn il-partiċelli tiddependi ħafna fuq it-tonalità tal-kelliem u fuq il-kuntest li jintużaw fih. Hervey, et. al. (ibid.) jiddiskutu fil-fond il-kumplessità tal-partiċelli modali u d-diffikultà li t-tradutturi jiffaċċjaw meta jiġu biex jittraduċuhom, b'mod partikolari biex isibu kelma adatta li tikkumpensa għas-sinifikat li jġorru magħhom dawn il-partiċelli. Il-partiċelli modali ta' spiss jitħallew barra fil-proċess tat-traduzzjoni. Din l-ommissjoni jista' jkollha impatt konsiderevoli fuq it-traduzzjoni, bħal ngħidu aħna bidla fit-tifsira. Barra dan, is-sinifikat tal-partiċelli modali jiddependi ħafna fuq il-lingwa mhux verbali, bħall-espressjonijiet tal-wiċċ, il-kuntatt tal-għajnejn u fuq kollox l-intonazzjoni. Għalhekk, meta dawn il-kliem ikunu stampati f'test, joħolqu sfida ġmielha għat-traduttur. Għaldaqstant, it-traduttur l-ewwel irid jivviżwalizza s-sitwazzjoni ta' bejn il-kelliema sabiex jinterpreta t-tifsira tal-partiċella mill-kuntest u l-isfond tas-sitwazzjoni (ibid. 175). L-eżempji li jmiss jeżaminaw it-traduzzjoni ta' tliet partiċelli modali mill-Ġermaniż għall-Malti.

Eżempju 4:

TS: „Rechnen Sie das bitte aus, ohne die Zinsen, und denken Sie doch nicht, daß ihr Bein das einzige Bein ist".
TM: "Ikkalkula dan mingħajr l-imgħax, u ara taħseb li inti biss tinsab f'din is-sitwazzjoni".

Il-partiċella modali "doch" tintuża l-aktar biex tenfasizza xi struzzjoni jew frażi partikolari. Għalhekk, naraw kif f'dan l-eżempju, il-partiċella modali qiegħda tenfasizza l-verb fin-negattiv "denken Sie doch nicht". Kieku f'din is-sentenza ma ntużatx il-partiċella modali "doch", is-sentenza setgħet tiġi tradotta b'dan il-mod: 'Ikkalkula dan mingħajr l-imgħax, u taħsibx li inti biss tinsab f'din is-sitwazzjoni', iżda t-traduttriċi għażlet li twettaq bidla fil-polarità bl-użu ta' "ara taħseb" biex l-enfasi toħroġ aktar fit-TM.

Eżempju numru 5 jittratta partiċella modali komuni ħafna fil-Ġermaniż mitkellem "ja doch", din hija magħmula minn żewġ partiċelli modali magħqudin flimkien.

Eżempju 5:

TS: „Und weil ich ja doch liegenbleiben mußte, dachte ich, jetzt kannst du's auch durchgeben, und ich hab's durchgegeben, und sie hauten alle ab, schön der Reihe nach, erst die Division, dann das Regiment, dann das Bataillon und so weiter, immer hübsch der Reihe nach."
TM: "U minħabba li jien, ovvjament, kelli nibqa' hemm, ħsibt li issa stajt ngħidilhom biex jitilqu jiġru, u jien hekk għamilt, u huma telqu jiġru, grad wara ieħor, l-ewwel li ma telqu kienu dawk li kienu jiffurmaw parti mill-akbar entità militari, imbagħad ir-Riġment, imbagħad il-Battaljun u l-bqija, dejjem grad wara ieħor."

Simili għall-partiċella "doch", "ja doch" għandha l-funzjoni li tissottolinja d-dikjarazzjoni tal-protagonist f'din is-sentenza. Sabiex din l-enfasi toħroġ b'mod ċar fit-TM żdiedet il-kelma "ovvjament".

Eżempju 6:

TS: „Sie sind doch verrückt", sagte der Mann.
TM: "Mela sewwa ħsibt li ma tafx x'qed tgħid" qal ir-raġel.

F'dan l-eżempju nerġgħu nsibu l-partiċella modali "doch". F'dan il-każ partikolari, il-funzjoni ewlenija ta' din il-partiċella modali hija li tikkonferma d-dikjarazzjoni li saret qabel minn wieħed mill-karattri fl-istorja. Sabiex din l-enfasi ma tintilifx fil-proċess tat-traduzzjoni, it-traduttriċi ħarġet din l-enfasi bil-frażi "mela sewwa ħsibt"; frażi li tintuża ta' spiss mill-kelliema Maltin u li tenfasizza ħsieb jew idea li jkunu ntqalu qabel.

## It-traduzzjoni tal-"komposita"

Il-mekkaniżmu grammatikali magħruf bħala "komposita" jintuża b'mod frekwenti fil-Ġermaniż. "Komposita" huma kliem magħmula minn żewġ nomi jew aktar li jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw kelma waħda. L-hekk imsejħa "komposita" jiffurmaw flimkien sinifikat differenti li jirriżulta mit-tqegħid flimkien tan-nomi. Fil-Malti nsibu mekkaniżmu simili li permezz tiegħu jinħoloq kliem kompost minn żewġ nomi pereżemju 'qawsalla' (qaws + alla), 'radjudramm' (radju + dramm), 'Skolasport' (skola + sport), u 'Kartanzjan' (karta + anzjan). Dan il-fenomenu jseħħ kemm permezz taż-żwieġ ta' żewġ nomi li ġejjin mill-istess oriġini lingwistika kif ukoll żewġ nomi b'oriġini lingwistika differenti: 'qawsalla' hija komposta minn żewġ nomi Semitiċi, 'radjudramm' minn żewġ nomi Rumanzi, filwaqt li 'Skolasport' hija magħmula minn nom misluf Rumanz u ieħor mill-Ingliż. Madankollu dan il-fenomenu mhux frekwenti fil-Malti daqskemm hu fil-Ġermaniż u fil-proċess tat-traduzzjoni ta' spiss jiġi ttrasformat f'espansjoni jew billi tiġi mfissra t-tifsira tal-"komposita".

Fl-istorja qasira "Mein teures Bein", insibu wkoll xi eżempji ta' dan il-mekkaniżmu grammatikali. Iż-żewġ eżempji li jmiss juru kif kliem "komposita" ġew tradotti għall-Malti:

Eżempju 7:

TS: Sie nahmen meine Karteikarte und sagten:
TM: Ħaduli l-ittra rreġistrata tiegħi u qalu:

F'dan l-eżempju, naraw li fit-TS il-komposita hija magħmula mill-kelmiet "Kartei" u "Karte" magħqudin flimkien. F'dan il-każ partikolari, fil-Malti ma kienx possibbli li jsir dan it-twaħħid ta' kliem u għalhekk din il-kelma kellha tissarraf f'żewġ kelmiet: 'ittra rreġistrata'.

Eżempju 8:

TS: „Schuhputzer in einer Bedürfnisanstalt auf dem Platz der Republik. Wie wäre das?"
TM: "Blakkatur taż-żraben f'latrina pubblika fi Platz der Republik. X'jidhirlek?"

Il-komposita f'dan l-eżempju t'hawn fuq immanifestat ruħha fil-kelma "Schuhputzer", komposita magħmula mill-kelmiet "Schuh" ('żarbuna') u "Putzer" ('persuna li tnaddaf'). Fit-TM, din ġiet tradotta bl-użu tal-kliem 'blakkatur taż-żraben', żewġ kelmiet li juru s-sinifikat tal-komposita fit-TS. It-taqsima li jmiss tiddiskuti t-teknika tar-repetizzjoni.

## Ir-repetizzjoni fit-traduzzjoni

Ir-repetizzjoni tal-istess kliem, frażijiet jew sentenzi hija teknika komuni fix-xogħol ta' Böll. Ir-repetizzjoni fit-taħdit ta' kuljum tista' titqies monotona iżda r-repetizzjoni fil-letteratura hija mekkaniżmu stilistiku li għandu diversi funzjonijiet li jvarjaw skont il-ġeneru, il-perjodu u l-kittieb. Il-lingwista Deborah Tannen (9-12) analizzat bir-reqqa l-fenomenu tar-repetizzjoni. Hija tagħmel distinzjoni bejn id-djalogi fid-diskors reali u dawk użati fit-testi letterarji. Tenfasizza li fit-testi letterarji l-awturi għandhom tendenza jelaboraw strateġiji li huma spontanji fil-konverżazzjoni. Għalhekk, l-użu tar-repetizzjoni fit-testi

letterarji jista' jitqies bħala mekkaniżmu stilistiku li jiġi applikat sabiex it-test letterarju jsir aktar realistiku u simili għas-sitwazzjonijiet ta' kuljum.

Fir-rigward tar-repetizzjoni f'testi letterarji, diversi studjużi tat-traduzzjoni jipproponu approċċi varji dwar kif għandu jiġi indirizzat dan il-fenomenu. Fost dawn l-istrateġiji, insibu l-preservazzjoni, is-sostituzzjoni, il-parafrażi, iż-żieda kif ukoll l-ommissjoni. Fil-każ tat-traduzzjoni tar-repetizzjoni lessikali, l-istrateġija tal-preservazzjoni tinvolvi t-trasferiment tar-repetizzjoni preżenti fit-TS għat-TM. L-istrateġija ta' sinonimi hija metodu li jinvolvi l-użu ta' kliem sinonimu fit-TM minflok ir-repetizzjoni tal-istess kliem. Simili għal dan il-metodu, insibu l-metodu tas-sostituzzjoni, li jista' jiġi deskritt bħala s-sostituzzjoni ta' kelma waħda li hija repetuta fit-TS permezz ta' kelma oħra fit-TM li għandha l-istess tifsira bħal dik tat-TS.

Għal Kinga Klaudy (283-303), it-terminu "repetizzjoni" jinkludi żewġ kunċetti; il-kunċett ta' relazzjoni koeżiva li sseħħ meta l-kliem jew il-frażijiet jiġu ripetuti fit-TM bl-istess mod jew kważi l-istess bħal fit-TS, filwaqt li l-kunċett l-ieħor jirrelata mal-kontenut tal-informazzjoni tal-unità lessikali, li jseħħ meta r-repetizzjoni hija espressa bl-użu ta' kliem jew frażijiet differenti. Mona Baker (180) tgħid li hemm medda ta' elementi koeżivi li jistgħu jintużaw meta ssir referenza għal entità li diġà ssemmiet fit-test. Din tvarja minn repetizzjoni sħiħa fuq naħa waħda, għal referenza pronominali fuq in-naħa l-oħra. Għaldaqstant, bejn din il-medda wiesgħa jistgħu jittieħdu diversi approċċi, fosthom il-kliem sinonomi, kliem ġenerali u referenza pronominali.

Ben-Ari (68) ssostni li t-tradutturi ta' spiss jevitaw ir-repetizzoni. Skont hi, dan il-fenomenu tant hu frekwenti u predominanti fit-traduzzjoni li jista' jitqies bħala mġiba universali min-naħa tat-traduttur. Madankollu Ben-Ari (68) waslet għal din il-konklużjoni billi ħarset biss lejn il-prodott tat-traduzzjoni. Min-naħa l-oħra, Kolb (272) studjat ukoll il-proċess tat-traduzzjoni u sabet li tnejn mill-erba' tradutturi li ħadu sehem fl-istudju tagħha ppreservaw ir-repetizzjoni tat-TS fit-TM, u tnejn oħra neħħew ir-repetizzjoni fit-TM. Borg (31) ukoll analizzat kemm il-proċess u l-prodott tat-traduzzjoni letterarja u r-riżultati tal-istudju tagħha juru li għalkemm it-traduttur fl-ewwel verżjoni tat-traduzzjoni evita r-repetizzjoni permezz tal-użu ta' varjanti lessikali, meta rreveda xogħlu neħħa din il-varjazzjoni lessikali u minflok għażel ir-repetizzjoni lessikali. Dawn l-istudji juru li t-tradutturi letterarji mhux dejjem jadottaw

l-istess strateġija fejn tidħol ir-repetizzjoni. L-eżempji li ġejjin juru kif Zammit ittrattat ir-repetizzjoni fit-traduzzjoni tagħha.

Eżempju 9:

TS: Sie haben mir eine Karte geschrieben, ich soll zum Amt kommen, und ich bin zum Amt gegangen.
TM: Bagħtuli ittra li rrid immur l-uffiċċju, u jien hekk għamilt.

F'dan l-eżempju naraw kif il-kelma "Amt" hija repetuta darbtejn, iżda fit-TM din ir-repetizzjoni ġiet eliminata.

Eżempju 10:

F'"Mein teures Bein", il-frażi "Meine Zeit ist sehr kurz" tintuża darbtejn tul l-istorja. It-traduttriċi għażlet li l-ewwel darba tittraduċieha bħala "Ħini prezzjuż" u t-tieni darba bħala "Għandi ħafna x'nagħmel". Għalhekk, f'dan il-każ ukoll, Zammit iddeċidiet li tneħħi r-repetizzjoni fit-traduzzjoni bil-Malti. Għaldaqstant, dawn l-eżempji jipprovdu aktar evidenza għall-argument ta' Ben-Ari (68) li t-tradutturi ta' spiss jevitaw ir-repetizzoni.

## Konklużjoni

Dan l-istudju ffoka fuq tliet aspetti grammatikali (il-pronom personali "Sie", il-partiċelli modali, u l-kliem "komposita") u l-aspett stilistiku tar-repetizzjoni fit-traduzzjoni mill-Ġermaniż għall-Malti. Huwa offra diversi eżempji ta' kif dawn l-elementi ġew tradotti fil-verżjoni bil-Malti tal-istorja qasira "Mein teures Bein". It-traduzzjoni letterarja mill-Ġermaniż għall-Malti ftit li xejn ġiet mistħarrġa. Waħda mir-raġunijiet ewlenin hi li sa issa t-testi letterarji Ġermaniżi li ġew tradotti għall-Malti tgħoddhom fuq id waħda. Nittamaw li dan l-istudju jservi ta' ispirazzjoni u gwida għat-tradutturi li jixtiequ jesploraw it-traduzzjoni bejn dawn iż-żewġ ilsna.

**Biblijografija**

Baker, M. *In Other Words*. Londra: Routledge, 1993. Stampat.

Ben-Ari, N. "The ambivalent case of repetitions in literary translation. Avoiding repetition: A "Universal" of Translation?" *Meta* 18 (1): 68–78, 1998. Stampat.

Borg, C. "The Effect of Self-Revision on the Target Text: Do Self-Revisions Deliteralise the Final Translation? A case study". *Transletters* 1 (1): 15-36, 2018. Stampat.

Frängsmyr, T. & Allén, S. (eds). *Nobel Lectures: Literature 1968-1980*. Singapore: World Scientific, 1993. Stampat.

Hervey, Sandor, Loughridge, Michael u Higgins, Ian. *Thinking German Translations*, it-tieni edizzjoni. New York: Routledge, 2006. Stampat.

Klaudy, K. "The Asymmetry Hypothesis in Translation Research", *fi Translators and their readers. In Homage to Eugene A. Nida,* ed. Rodica Dimitriu u Miriam Shlesinger. Brussell: Les Editions du Hazard, 2009. Stampat.

Kolb, W. "The making of literary translations: Repetition and ambiguity in a short story by Ernest Hemingway". *Across Languages and Cultures* 12 (2): 259–274, 2011. Stampat.

Sandor, H, Loughridge, M, & Higgins, I. *Thinking German Translation*. New York: Routledge, 2006. Stampat.

Tannen, D. *Talking Voices, Repetition, Dialogue, and Imagery in Conversational Discourse*. New York: Cambridge University Press, 2007. Stampat.

Zammit, C. 2018. "Traduzzjoni u analiżi ta' erba' stejjer qosra tal-awtur Heinrich Böll". Teżi mhux ippubblikata, Masters fit-Traduzzjoni u t-Terminoloġija, l-Università ta' Malta.